

32007D0019

L 7/38

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

12.1.2007

DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-22 ta' Diċembru 2006

li tapprova l-pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer skond id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE

(notifikat bid-dokument numru C(2006) 6858)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2007/19/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat it-Trattat ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat l-Att ta' Adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u r-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 56 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2001/89/KE tat-23 ta' Ottubru 2001 dwar il-miżuri Komunitarji għall-kontroll tal-marda ta' l-infaet vesikolari (deni klassiku) tal-ħnieżer ⁽¹⁾, u b'mod partikolari t-tieni sub-paragrafu ta' l-Artikolu 22(3) u t-tielet sub-paragrafu ta' l-Artikolu 29(3) tiegħu,

Billi:

(1) Id-Direttiva 2001/89/KE tistipula miżuri minimi ta' kontroll li għandhom jiġu applikati fil-każ ta' tifqigħa tad-deni klassiku tal-ħnieżer, kif ukoll ċertu miżuri preventivi mmirati lejn it-tisħiħ ta' l-għarfien u t-tħejjija mill-awtoritajiet kompetenti u mill-komunità agrikola fir-rigward ta' dik il-marda. Skond din id-Direttiva, il-pjanijiet ta' kontinġenza ta' l-Istati Membri għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer għandhom jiġu approvati mill-Kummissjoni.

(2) Għaldaqstant, id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/431/KE tad-29 ta' April 2004 li tapprova ċerti pjanijiet ta' kontinġenza għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer ⁽²⁾ approvat dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza għar-Repubblika Ċeka, l-Estonja, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, l-Ungerija, Malta, il-Polonja, is-Slovenja u s-Slovakkja u dawn l-Istati Membri huma mniżżla fl-Anness ta' dik id-Deċiżjoni.

(3) Il-Bulgarija u r-Rumanija għandhom jissiehu fl-UE fl-1 ta' Jannar 2007. Għalhekk, il-Bulgarija u r-Rumanija ppreżentaw il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni.

(4) Dawn il-pjanijiet ta' kontinġenza kif emendati mill-Bulgarija u r-Rumanija skond is-suġġerimenti magħmula tul il-valutazzjoni tagħhom, jissodisfaw il-kriterji stipulati fid-Direttiva 2001/89/KE u, suġġetti għal aġġornament regolari u implimentazzjoni effettiva, jippermettu lill-għanijiet mixtieqa ta' dik id-Direttiva li jintlaħqu u għalhekk għandhom jiġu approvati.

(5) Għal skopijiet ta' ċarezza fil-leġislazzjoni Komunitarja, id-Deċiżjoni 2004/431/KEE għandha tiġi rrevokata u mibdula b'din id-Deċiżjoni.

(6) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Il-pjanijiet ta' kontinġenza ppreżentati mill-Bulgarija lill-Kummissjoni fis-7 ta' Novembru 2006 għall-kontroll tad-deni tal-ħnieżer huma approvati.

Artikolu 2

Il-pjanijiet ta' kontinġenza ppreżentati mill-Rumanija lill-Kummissjoni fid-9 ta' Novembru 2006 għall-kontroll tad-deni tal-ħnieżer huma approvati.

Artikolu 3

L-Anness jistabbilixxi lista ta' l-Istati Membri li kellhom il-pjanijiet ta' kontinġenza tagħhom approvati għall-kontroll tad-deni klassiku tal-ħnieżer skond id-Direttiva 2001/89/KE.

⁽¹⁾ ĠU L 316, 1.12.2001, p. 5. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bl-Att ta' l-Adeżjoni ta' l-2004.

⁽²⁾ ĠU L 154, 30.4.2004, p. 41, *corrigendum* mill-ĠU L 189, 27.5.2004, p. 31).

Artikolu 4

Id-Deċiżjoni 2004/431/KE hija rrevokata.

Artikolu 5

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika suġġetta għal u mid-data tad-dħul fis-seħħ tat-Trattat ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u r-Rumanija.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, 22 ta' Diċembru 2006.

Għall-Kummissjoni

Markos KYPRIANOU

Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Lista ta' l-Istati Membri kif imsemmijin fl-Artikolu 3

Kodiċi	Pajjiż
BG	Il-Bulgarija
CY	Ċipru
CZ	Ir-Repubblika Ċeka
EE	L-Estonja
HU	L-Ungerija
LV	Il-Latvja
LT	Il-Litwanja
MT	Malta
PL	Il-Polonja
RO	Ir-Rumanija
SI	Is-Slovenja
SK	Is-Slovakkja